MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1602/2003

**Suzanne sive Sue Rossi u Claudia Calleja li tiggestixxi d-ditta Modelle International**

**Vs**

**Toni Camilleri li jiggestixxi n-negozju 'Toni Studio'**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li bih l-atturi talbu li l-konvenut ihallas Lm307.50c (tlett mija u seba' liri Maltin u hamsin centezmu) rapprezentanti l-participation fee dovuta ghall-isfilata ntitolata 'Moda Malta' w erba' biljetti mixtrija izda mhux imhallsa mill-istess konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn ighid li ma jezisti ebda rapport kuntrattwali bejn il-partijiet u ghalhekk it-talbiet

attrici ghandhom jigu respinti u li bla pregudizzju m'hemm ebda weghda da parti tal-konvenut ghall-hlas tal-pretensjonijiet fit-talbiet attrici.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema' x-xhieda ta' Suzanne Rossi fejn tikkonferma li Modelle International kellhom sfilata ta' moda bejn dizenjaturi Maltin. Tikkonferma li Toni Camilleri kien baghat nota by hand fejn avza li kien ser ikun prezenti waqt ir-rehearsals izda ma deherx u lanqas f'dan l-event ma deher. Il-biljetti kienu jinkludu wkoll il-logo tal-konvenut. Tikkonferma li l-konvenut kien ghaddielha l-logo tieghu kif ukoll ha ghoxrin biljett u zamm erbgha minnhom ghalih izda qatt ma hallasha ta' dawn l-erba' biljetti.

Tikkonferma wkoll li originarjament l-event kien se jsir f'post u f'gurnata differenti. Rossi tghid li m'ghandhiex ftehim bil-miktub fejn inbidel il-post ta' l-event izda lill-konvenut kienet hallietlu nota li qed tigi esebita. Tghid ukoll illi kienet kellmet lill-konvenut diversi drabi u hu kien ikkonferma li kien se jbiddel l-istil tal-fashion show tieghu. Tikkonferma li l-konvenut qatt ma qal li ma kienx ser jiehu sehem avolja kien ilmenta dwar il-post. Rossi tghid li l-advertising kien hareg wara li biddlu l-venue. Tghid ukoll illi kemm wara r-rehearsals u kemm qabel l-event ma kellmitux lill-konvenut.

Ra x-xhieda ta' Claudia Calleja fejn tikkonferma li qalet Suzanne Rossi izda zzid illi f'dak iz-zmien kien hemm l-adverts fuq il-Bay Radio fejn isemmi d-designers, il-post ta' l-event u l-hin. Tikkonferma li l-konvenut qatt ma kkuntatjhom sabiex ighidilhom li ma riedx jiehu sehem f'dan l-event.

Calleja tikkonferma wkoll li Rossi kienet kellmet lill-konvenut fil-prezenza taghha biex jara ma' liema designer ried joqghod fil-kamra. Fil-fatt il-konvenut kien ser joqghod ma' designer tal-Hot Couture.

Fil-kontro-ezami Calleja tghid illi kkonfermat dwar id-dressing room meta Suzanne Rossi kienet qed tkellem lill-konvenut fuq it-telefon.

Ra x-xhieda ta' Henry Rossi, missier l-attrici Suzanne Rossi, fejn jikkonferma li ta personalment il-biljetti lill-konvenut. Ighid illi l-konvenut accetta dawn il-biljetti. Jghid li ma' dawn il-biljetti kien hemm ittra fejn il-konvenut gie mitlub jaccetta l-pakkett.

Fil-kontro-ezami Henry Rossi jghid li ma jafx kemm kien hemm biljetti. Ra illi meta gie mistoqsi x'kien fiha l-karta li kienet mal-biljetti Henry Rossi jghid li m'ghandux idea izda wara jghid li kienet biex taccetta l-pakkett tal-biljetti. Jikkonferma li l-konvenut ma ffirma xejn.

Ra illi fl-istess kawza Suzanne Rossi tghid illi fil-pakkett kien hemm ghoxrin biljett biex jinbieghu w erbgha minn dawn kienu complementary tickets.

Ra x-xhieda ta' Toni Camilleri fejn jikkonferma l-firma tieghu li hemm a fol 29 tal-process. Ighid illi l-ftehim kien ser ikun jismu Porto Moda u mhux Moda Italia.
Camilleri jghid li kien ta lil Sue Rossi visiting card tieghu sabiex tikkuntatjah li fuq l-istess visiting card kien hemm il-logo tieghu. Jikkonferma li kien ircieva e-mail minghand l-attrici bid-dettalji ta' l-event. Ighid li d-dettalji kienu differenti minn dak ta' fuq il-kuntratt. Jikkonferma li kien cempel lill-attrici fejn qallha li ma kienx interessat fl-event ghaliex hu kien ghamel ftehim sabiex l-event issir Portomaso u mhux Selmun. L-attrici kienet qaltlu li kien tard wisq to "back out". Camilleri jghid illi l-email kien ircieviha mill-advertising agency taghha. Jghid li Rossi kienet cemplitlu sabiex ghallanqas ibiegh l-ghoxrin biljett li minnhom kien hemm erbgha complementary. Ighid ukoll li l-helper tieghu kienet gabret il-biljetti minghand ragel pjutost anzjan.

Camilleri kien cempel lil Sue Rossi fejn informaha li zewg biljetti biss irnexxielu jbiegh u Rossi kienet irrispondietu sabiex jimpostahom halli tkun tista' ticcekja kemm ghad fadal postijiet. Jikkonferma li kien pogga l-biljetti fil-letter

box taghha u hu kien zamm zewg biljetti u zewg complementaries u kellu l-intenzjoni biex ihallasha.

Ra illi fil-kontro-ezami Camilleri jghid li l-biljetti rcievihom wara li kien ircieva l-email. Kien accetta l-biljetti ghaliex Sue Rossi qaltlu biex ibieghhom. Jikkonferma l-kitba tieghu fuq id-dokument a fol 30 tal-process u jghid li hu kien sejjer jara lil Sue Rossi fir-rehearsals biex jaghtiha l-flus.

Camilleri jghid li kien tiela' Selmun biex jaghtiha l-biljetti u mhux biex jippartecipa fir-rehearsals. Jikkonferma li tela' Selmun il-Hamis biex jaghti Lm10 (ghaxar liri Maltin) lill-attrici.

**Ikkunsidra**

Li l-partijiet iffirmaw ftehim esebit a fol 29 tal-process fejn il-konvenut accetta li jiehu sehem f':

"Exclusive fashion show amongst other designers on the 18th July, 2003 at Portomaso, St. Julians."

Il-konvenut accetta li jiehu sehem f'din il-fashion show u accetta li jhallas Lm250 (mitejn u hamsin lira Maltin) u l-VAT sal-14 ta' Lulju, 2003.

Illi Suzanne Rossi tghid li nbidel il-venue u gie avzat il-konvenut bil-bdil tal-venue. Hi tghid li gie avzat bid-dokument SR2. F'dan id-dokument m'hemm ebda ndikazzjoni ta' bdil ta' venue. Rossi pero' tghid li kienet infurmat lill-konvenut bi bdil tal-venue bit-telefon. Rossi tghid li l-konvenut qalilha li kien se jbiddel l-istil tax-show tieghu. Il-konvenut ma marx ghar-rehearsals u wara r-rehearsals l-attrici ma kellmitx lill-konvenut.

Claudia Calleja semmiet xi emails li ntbaghtu lill-konvenut izda dawn ma gewx esebiti.

Il-konvenut qal li wara l-ftehim kien irceiva email fejn gie nfurmat li x-show kien se jsir post iehor u f'data ohra. Il-konvenut qal li kien cempel lil Rossi u qalilha li ma kienx

interessat li jiehu sehem fix-show Selmun. Camilleri jghid li kien lest li jbiegh il-biljetti u rcieva l-istess izda ma rrnexxielux ibiegh dawn il-biljetti u rritorna l-biljetti kollha hlief ghal erbgha. Sue Rossi qalet li erbgha minn dawn il-biljetti kienu complementary.
Illi d-ditta attrici qieghda tippretendi hlas ta' Lm287.50c (mitejn u sebgha u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu) participation fee u Lm20 (ghoxrin lira Maltin) rapprezentanti erba' biljetti.

Illi l-ammont ta' Lm287.50c (mitejn u sebgha u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu) huwa l-ammont li kien miftiehem bejn il-partijiet in konnessjoni ma' show fil-Portomaso fid-data msemmija fil-kuntratt. Illi d-ditta attrici ma tistax tippretendi li waheda tiddeciedi biex tbiddel certi affarjiet tal-kuntratt u tippretendi li l-konvenut jibqa' xorta marbut. (Ara **Fogg Vs Mannara Appell 3/12/1992**). Illi d-ditta attrici tghid li hi nfurmat lill-konvenut bit-tibdil u l-konvenut accetta dan. Il-konvenut ighid li meta gie nfurmat bit-tibdil hu qal li ma kienx lest li jiehu sehem.

Skond il-ftehim iffirmat bejn il-partijiet il-konvenut kellu jhallas l-ammont ta' Lm250 (mitejn u hamsin lira Maltin) u l-VAT sal-14 ta' Lulju, 2003. Illi meta l-konvenut ma hallasx dan l-ammont u meta l-konvenut ma marx ghar-rehearsal wiehed kien jistenna li d-ditta attrici tikteb jew tkellem lill-konvenut sabiex tara ghaliex ma marx u ghaliex ma hallasx.

Illi m'hemmx provi bizzejjed biex dan it-Tribunal jikkonkludi li l-konvenut accetta t-tibdil li sar fil-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet.

Illi ghalhekk jichad it-talba tad-ditta attrici dwar il-participation fee.

Illi l-konvenut qal li kien se jhallas ghal erba' biljetti u fil-fatt mar biex ihallas. Sue Rossi qalet li kien hemm erbgha complementary f'pakkett ta' ghoxrin. Illi l-konvenut ma kienx biegh il-biljetti l-ohra. Illi ghalhekk il-konvenut ghandu jhallas Lm20 (ghoxrin lira Maltin) ta' erba' biljetti. Fil-fatt ghalkemm gie mitlub ihallas Lm20 (ghoxrin lira

Maltin) tal-biljetti fl-ittra ta' l-avukat tad-ditta attrici l-konvenut naqas li jirrispondi dwar dan fl-ittra ta' l-avukat tieghu datata 8 t'Awissu, 2003.

Ghaldaqstant jichad it-talba ghal Lm287.50c (mitejn u sebgha u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu) participation fee u jilqa' t-talba ghal Lm20 (ghoxrin lira Maltin). Kull parti jhallas l-ispejjez tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------